



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 24 ta' Marzu 2021
(OR. en)**

**2020/0378 (COD)
LEX 2066**

**PE-CONS 3/1/21
REV 1**

**AGRILEG 11
FORETS 2
SEMENCES 6
CODEC 112**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI
TAL-KUNSILL 2008/971/KE FIR-RIGWARD TAL-EKWIVALENZA TA' MATERJAL
RIPRODUTTIV TAL-FORESTI PRODOTT FIR-RENJU UNIT**

DEĊIŻJONI (UE) 2021/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL L

tal-24 ta' Marzu 2021

**i temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-ekwivalenza ta' materjal
riproduttiv tal-foresti prodott fir-Renju Unit**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ L-opinjoni tas-27 ta' Jannar 2021 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021 għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Marzu 2021.

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE¹ tapplika għall-marketing ta' materjal riproduttiv tal-foresti fl-Unjoni. Dik id-Direttiva tikkonċerna l-materjal riproduttiv ta' daww l-ispeċijiet ta' siġar u tal-ibridi artifiċjali tagħhom, li huma importanti għall-finijiet tal-forestrija fl-Unjoni kollha jew f'parti minnha.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE² tistabbilixxi regoli għall-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'pajjiżi terzi.
- (3) Ir-Renju Unit ittraspona u implimenta b'mod effettiv id-Direttiva 1999/105/KE, kif ukoll l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dik id-Direttiva.
- (4) Id-dritt tal-Unjoni, li jinkludi d-Direttiva 1999/105/KE u d-Deċiżjoni 2008/971/KE, kien applikabbli għar-Renju Unit u fiha, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020, f'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika³ (il-Ftehim dwar il-ħruġ), u b'mod partikolari mal-Artikolu 126 u mal-Artikolu 127(1) tiegħu.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-ekwivalenza ta' MaterjalRiproduttiv tal-Foresti prodott f'pajjiżi terzi (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 83).

³ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

- (5) Fid-dawl tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit issottometta talba lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza, mill-1 ta' Jannar 2021, ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'dak il-pajjiż għal tali materjal prodott fl-Unjoni f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.
- (6) Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni tiegħu, li ttrasponiet id-Direttiva 1999/105/KE mhijiex se tinbidel u se tkompli tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (7) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tar-Renju Unit. Hija kkonkludiet li l-materjal riproduttiv tal-foresti, u b'mod partikolari dan il-materjal fil-kategoriji "sors identifikat", "magħżula" u "kwalifikati", prodott fir-Renju Unit huwa ekwivalenti għall-materjal riproduttiv tal-foresti prodott fl-Unjoni u jikkonforma mad-Direttiva 1999/105/KE u l-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, peress li l-liġi tar-Renju Unit toffri l-istess assigurazzjonijiet bħal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku u l-miżuri meħuda għall-produzzjoni sussegwenti ta' materjal riproduttiv tal-foresti maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni.
- (8) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza ta' tali materjal riproduttiv tal-foresti prodott fir-Renju Unit għal materjal korrispondenti prodott fl-Unjoni.

- (9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi inkluż fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fiha fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2008/971/KE tiġi emendata skont dan,
- (11) Fid-dawl tal-fatt li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ intemm fil-31 ta' Diċembru 2020, u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li tapplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Emendi għad-Deċiżjoni 2008/971/KE

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-tabella, ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-ringieli “CH” u “NO”:

“GB**	Department for Environment, Food & Rural Affairs (DEFRA) Eastbrook Shaftesbury Road Cambridge CB2 8DU
-------	--

(**) F’konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq flimkien mal-Anness 2 ta’ dak il-Protokoll, għall-finijiet ta’ dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta’ Fuq.’;

- (2) fin-nota (*) f’qiegħ il-paġna, dan li ġej jiddaħħal bejn ‘CH — l-Iżvizzera,’ u ‘NO — in-Norveġja,’:

‘GB – ir-Renju Unit,’.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President